MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru 56/1988

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Buttigieg**

**Illum 25 ta' Frar 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Joseph Buttigieg ta' 43 sena, bin Emanuel u Maria nee Mercieca residenti 52A, Giants Street, Xaghra, Ghawdex kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli fil-11 ta' Jannar 1988 ghas-7.15 pm waqt li kont f'Giants Street, Xaghra, Gahwdex, volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bi glied u barra

minn hekk sawwatt lil Rita Mifsud u lil Ernest Mifsud u ikkagunaj griehi fuq il-persuna ta’ Ernest Mifsud, Rita Mifsud, Nazzreno Mifsud u Raymond Mifsud skond kif iccertifika t-Tabib Dr. Mario Saliba M.D. ta’ L-Isptar Craig, Rabat, Ghawdex u aktar ghamilt hsara f’nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Raymond Mifsud mix-Xaghra, Ghawdex u aktar insultajt u heddidt lil imsemmijin Ernest Mifsud, Rita Mifsud, Nazzareno Mifsud, Raymond Mifsud u Tarcision Mifsud u l-familja taghhom.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra l-piena stabilita, torbot lill-Joseph Buttigieg taht l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ipprolungat ruhha ghal dan iz-zmien kollu peress illi kienet qed tinstemgha flimkien ma kawza ohra kontra l-kwerelanti liema kawza originat bhala wahda sommarja izda kellha terga tibda tinstembgha bhala kumpilazzjoni ghar-ragunijiet hemm imsemmija. F’din il-kawza, bhalma gara ukoll fil-kawza kontra l-kwerelanti, hemm konflingenzi fix-xhieda tant li din il-Qorti ma tistghax tasal biex issib htija kontra l-imputat;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------